Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 6/2014AE

**Joseph M. Pawney**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Socjali**

It-Tnejn, 2 ta' Mejju, 2016.

1. Din is-sentenza hi fir-rigward ta' appell tal-intimat minn decizjoni tal-Arbitru taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali tal-4 ta' Marzu 2014 li biha intlaqa' l-appell tar-rikorrent minn decizjoni tal-intimat li r-rikorrent kien ircieva hlas zejjed fl-ammont ta' €950.16 fl-ghajnuna tal-mard ghall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sas-17 ta' Gunju 2011, peress li l-mezzi tieghu kienu jaqbzu l-iskala.

2. L-intimat isostni li:

*"7. Ir-rata tal-kambju li dejjem jaghmel uzu minnha d-Dipartiment sabiex jaqleb id-Dollaru Kanadiz f'Ewro, kif ukoll kwalsiasi kambju iehor, jigi ffissat darbtejn fis-sena u cjoe' f'Jannar u f'Lulju ta' kull sena skond il-medja tar-rati tal-kambju moghtija mill-Bank Centrali Ewropew tramite l-Bank Centrali ta' Malta;*

*8. Illi l-esponenti dejjem adotta l-medja tar-rati tal-kambju sabiex ikun hemm certu stabbilita ghaliex id-Dipartiment ma jsitax jimxi fuq rati ta' kambju li jinbidlu diversi drabi kuljum."*

3. Ir-rikorrent kien qieghed jiricevi Pensjoni mill-Kanada f'Dollaru Kanadizi. Id-Dipartiment isostni li skond ir-rata ta' kambju, kien hemm perjodi meta l-apellant kien intitolat ghall-beneficcju u ohrajn meta ma kienx.

4. Il-qorti ma taqbilx mal-metodu ta kif jidher li l-appellant ghamel il-kalkoli sabiex jiddetermina jekk ir-rikorrent kienx jikkwalifika li jircievi l-beneficcju tal-mard (ara paragrafu 7 tar-rikors tal-appell). Fil-fehma taghha l-ezercizzju kellu jkun wiehed fejn isir kalkolu ghal kull darba li rcieva u sarraf il-pensjoni mill-Kanada. Quddiem l-Arbitru, l-intimat ipprezenta prospett bil-kalkoli li ghamel fir-rigward tal-1 ta' Frar 2011 u l-1 ta' Marzu 2011. Il-qorti tosserva fir-rigward:

   i. Tal-1 ta' Frar 2011 fi kliem l-intimat stess, ir-rikorrent kien jikkwalifika biex jircievi l-beneficcju tal-mard;
   ii. Tal-1 ta' Marzu 2011, ma jirrizultax x'kienet ir-rata tal-kambju bejn id-dollaru Kanadiz u l-ewro. Il-kalkoli saru fuq rata ta' 1.3694 li jidher li kienet ir-rata tal-kambju fit-28 ta' Frar 2011. F'kull kaz jirrizulta wkoll li

kull darba li kien isarraf ic-cekk tal-pensjoni Kanadiza, l-intimat kienet qeghda titnaqqaslu s-somma ta' €2.33 mill-Bank of Valletta plc (ara ittra tal-Bank of Valletta plc datata 14 ta' Mejju 2013), bhala spejjez. Fatt li fih innifsu jfisser li d-dhul kien inqas minn dak dikjarat fil-prospett li pprezenta l-intimat fil-prospett li jirriferi ghax-xhur ta' Frar u Marzu 2011. Hu evidenti li din ic-cirkostanza ma ttiehditx in konsiderazzjoni mill-intimat.

iii. L-intimat ma pprezentax prospett biex juri kif wasal ghal konkluzjoni li sar hlas zejjed fl-ammont ta' €950.16.

iv. Skond il-kalkoli li ghamlet il-qorti fir-rigward tax-xhur April u Mejju 2011 a bazi tar-rati tal-kambju dikjarat mill-Bank of Valletta plc (ara ittra datata 14 ta' Mejju 2013), ma jirrizultax li r-rikorrent ircieva hlas zejjed.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.